IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru63 (tlieta u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 18 ta' Ġunju, 2018, fis-6pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

63.1. Item Nru 63.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

63.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-6.06pm u kien kulħadd preżenti.

63.2 Item Nru 63.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

63.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

63.3 Item Nru 63.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li wara li gew iffirmati il-Kuntratti il-kunsill kellu iqabbad Inġinier sabiex jiccekkja l-elettriku u l-ilma. Dan ġie fuq il-post u iddikjara li l-aħjar jinbidel kollox bħala wires għaliex jinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill għalhekk qabel biex iġib stima ta' dan ix-xogħol u b'hekk inkunu nistgħu inkomplu.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696369
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

L-Ideal Bathrooms Ltd. qed jitolbu li jistorjaw il-madum f'xi garage tal-Kunsill u il-Kunsill qabel li jekk huwa possibbli jiġi storjat fil-garage tal-Bandli.

63.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Ing. Frederick Azzopardi u s-Sur Robert Schembri ta' Transport Malta u tkellimna fuq ir-rampa tal-kumpless li din kellha ssir minn Transport Malta. Il-laqgħa kienet posittiva u bqajna li kif appena insibu kuntrattur biex jagħmilha u nipprezentaw l-istima, Transport Malta ittina l-approvazzjoni u din issir. Għaliex l-akbar problema li għandhom TM hija li ma jistgħu isibu kuntratturi a disposizzjoni. Għalhekk il-Kunsill qed jitkellem ma xi kuntratturi sabiex jara l-availability tagħhom u nkunu nistghu nibgħatu l-istima u ssir.

Fl-istess laqgħa tkellimna wkoll fuq ix-xogħol pendenti ta' bankini li ilu miżmum minn qabel l-Elezzjoni tal-2013. Ir-risposta kienet dik l-istess li kif appena insibu kuntrattur li lest jagħmilhom inkunu nistgħu nibdew.

Punt ieħor li tqajjem waqt din il-laqgħa kien li max-xatt propju fejn il-Milord fiz-zona li tissejjaħ il-Golf l-Abjad hemm periklu li iċċedi it-triq minħabba l-erożjoni tal-baħar. L-uffiċjali Ing Robert Schembri u Ing Geologista John Mangion ġew fuq il-post u qed iħejju rapport sabiex jaraw kif tista tiġi indirizzata din il-problema.

63.3.3 *Jogging Track* – Is-Sindku qal li l-proposal tal-*jogging track* waslet fl-aħħar stadju. Il-Perit ser jibgħat il-BOQs u minhemm naraw li tiġi approvata minn Sport Malta. Aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

63.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li bħala follow up għadna qed nistennew il-BOQs mil-perit Robert Ellul.

63.3.5 ATM – Is-Sindku qal li tkellem mac-Chairman Deo Scerri u ser janalizzaw din il-possibilta li ssir ATM fix-Xgħajra.

63.3.6 Evaluation Board Tender Knis – Is-Sur Valvo qal li il-Bord tal-evalwazzjoni għat tender tal-knis iltaqa' pero qabel issir xi deċiżjoni il-Bord talab li ssir laqgħa mal-Kuntrattur peress li kien l-unika wieħed li tefa l-offerta.

63.3.7 Evaluation Board – Street Sweeping Tender – Is-Sindku qal li it-tender tal-Knis għalqet u jeħtieġ li naħtru tlett persuni mil-Kunsill sabiex issir l-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li il-Membri ikunu is-Sur Joseph Azzopardi, is-Sur Neil Attard u is-Sinjura Antonia Buttiġieġ imbgħad is-Sur Anthony Valvo ikun bħala ic-Ċermen u is-Sur Ranier Busuttil bħala s-Segretarju Eżekuttiv.

63.3.8 SSTP – Is-Sindku qal li s-Sur Paul Micallef m'għadux fil-kariga li kellu li imexxi l-impjant ta' Barkat u issa hemm floku s-Sur Stefan Riolo. Il-Kunsill qabel biex nerġgħu nitolbu għal laqgħa tal-Monitoring Committee biex jaġġornawna fuq it-tender tas-siġar.

63.3.9 Maniġġjar tat-traffiku – Is-Sur Valvo qal li din l-aħħar ġimgħa seħħ inċident f' Dawret ix-Xatt propju fejn għandha ssir il-humped zebra crossing in-naħa ta' Smart City. Din għandha issir minn Transport Malta u għalhekk nibgħatu reminder sabiex naraw meta ser issir.

IX-XGĦAJRA

63.4. Item Nru. 63.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

63.4.1 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet il-ħajt li kellu jsir fi Sqaq Ras il-Ġebel u s-Segretarju wieġeb li dan ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

63.4.2 Is-Sinjura Buttiġieg staqsiet fuq il-proposta tal-Belishia Lights jekk ġibniex l-istima. Is-Segretarju wieġeb fil-posittiv u l-istima mingħand il-Koptasin inġiebet u din ser tlaħħaq l-€2,495.70. Is-Segretarju żied jgħid li apparti din qed nistennew stima mingħand kuntrattur sabiex iqatta it-triq.

63.4.3 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa fuq meta jista jinqata' l-qasab ta' Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul. Is-Segretarju qallu li fil-ġimgħat li ġejjin jinqata.

63.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq meta ser isir il-bus shelter ta' ma' ġenb il-Knisja. Is-Segretraju qal li għal dan inbidlu xi affarijiet. Transport Malta reget għandha kuntratt ġdid ta' Bus Shelter u għadhom kif talbuna nibgħatu l-proposti tagħna ta' fejn għandna bżonn bus shelters. Mil-Kunsill intbgħatet it-talba ta' 2 Bus Shelters wieħed max-Xatt u ieħor propju dan ta' Triq Sant Elija.

63.5. Item Nru 63.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

63.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapport tal-ewwel kwart u ġie approvat b'astenzjoni waħda.

63.6. Item Nru. 63.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

63.6.1 Il-Kunsill qabel li jiġi installat Airconditioner ġdid fil-board room.

63.6.2 Jum ix-Xgħajra – Il-Program ta' Jum ix-Xgħajra għadu l-istess fejn filgħodu ser ikollna Car Show fejn il-Milord imbgħad filgħaxija ikun hemm il-quddiesa b'radt ta' ħajr għal din is-sena li għaddiet imbgħad wara ser ikollna bibita għar-residenti u nies distinti li kienu ta' għajnuna kontinwa f'din is-sena. Il-catering ser ikun offrut minajr ħlas minn Jeffrey Zerafa tar-Restaurat El Catalan.

63.7. Item Nru. 63.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

63.7.1 Pagamenti b'numru 69 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696369
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

63.8. Item Nru. 63.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

63.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

63.9 Item Nru. 63.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.9 Il-laqgħa ntemmet fit-7.49pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 31 ta’ Lulju, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696369
E-Mail xghajra.lc@gov.mt